**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 77**

It-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana u l-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima u **l**-Onor. Carmelo Abela* kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, ~~l-Onor. Carmelo Abela~~* u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

**vide minuti tas-seduta 79 tat-Tnejn 23 ta' Jannar 2023*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 76 li saret fis-16 ta' Jannar 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1174 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u l-Onor. Cressida Galea fil-Laqgħa Interparlamentari dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li nżammet ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell fit-2 ta' Diċembru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 4207 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 1175 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet pendenti u dawk approvati għal sheep farms f'Għawdex maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4801; u

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1176 Avviż Legali Nru 5 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar il-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**105. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IR-RATIFIKA TAL-KONVENZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-ADULTI**

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ipproponiet l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti.

L-Onor. Omar Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2023 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34**

Il-Kamra rriżumiet mis-16 ta' Jannar 2023, id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, Kap. 570".

**PERMESS TAL-KAMRA**

**NOTIFIKA DWAR IRTIRAT TA' ABBOZZ TA' LIĠI**

Fil-4.58 p.m. bil-permess tal-Kamra, id-dikussjoni dwar l-Abbozz Nru 34 kienet interrotta għal ftit mumenti sabiex il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, javża dwar irtirar ta' abbozz.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1177 Notifika mibgħuta lill-Ispeaker mill-Ministru għall-Ġustizzja biex jiġi rtirat l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali, Abbozz 38.

Is-Sedja ħadet nota tan-notifika mill-Ministru għall-Ġustizzja dwar l-irtirar tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali – Abbozz Nru 38, u ordnat li dan ma jibqax jidher fl-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR STANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ABBOZZ NRU 34 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel, id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb u l-Onor. Rebecca Buttigieg għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Joe Giglio, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Janice Chetcuti, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Graham Bencini u l-Onor. Rebecca Borg għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Randolph De Battista qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1178 Artiklu li deher fuq il-gazzetta *maltatoday* fit-30 ta' Novembru 2022, bl-isem 'How 'far to the right' does the PN have to go, before we start calling it a 'far-right party'?';

P.L. 1179 Artiklu li deher fuq il-gazzetta *maltatoday* fit-8 ta' Jannar 2023 bl-isem 'The reasons will have to be found'; u

P.L. 1180 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fil-25 ta' Ottubru 2006 bl-isem 'Judicial appointments 'work''.

Fis-6.37 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, ipproponiet l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 18 ta' Jannar 2023 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet Ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra | |

| | |
|---|---|
| b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Ivan Castillo u mill-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1181 Artiklu li deher fuq is-sit online ta' *Times of Malta* fis-17 ta' Jannar 2023 bl-isem 'Qormi residents object to supermarket planned just 1km from another new one'; u

P.L. 1182 Artiklu li deher fuq is-sit online *lovinmalta* fit-12 ta' Diċembru 2022 bl-isem 'This is a nightmare for residents': New Supermarket proposed on ODZ Land in Qormi'.

Fis-7.07 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 18 ta' Jannar 2023 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**